


# IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 36 - **SETTEMBRU 2015**


# editorjal

B'din il-ħarġa IL-PONT se jagħlaq tliet snin mill-ewwel darba li ħareġ f'Ottubru 2012. Minn dak iż-żmien lil hawn ħarġu 36 edizzjoni, għall-ewwel ta' tmien paġni u aktar 'il quddiem b'żieda sostanzjali fil-kontenut tiegħu. IL-PONT huwa proġett li ħtieġ tant enerġija, ħin, sagrifiċċju u ħsieb, iktar u iktar meta wieħed jiftakar li hu kkompilat minn persuna waħda biss, u dan xahar wara xahar għal 36 darba. Matul dawn it-tliet snin Il-PONT serva bħala għajn ta' tagħrif f'rabta mad-dinja tal-letteratura, kemm lokali kif ukoll lil hinn minn xtutna. Fih dehru għadd sabiħ ta' intervisti ma' kittieba kemm Maltin kif ukoll barranin u numru ta' reċensjonijiet f'rabta ma' kotba differenti. Serva bħala vetrina għal numru kbir ta' kotba kemm ġodda kif ukoll oħrajn li ġew ippublikati fl-imgħoddi. Fuq kollox IL-PONT ta spazju u leħen lil numru mdaqqas ta' kittieba u poeti magħrufa u mhux, stabbiliti u mhux, kittieba ta' ħiliet differenti, billi ppreżenta matul dawn is-snin il-poeżiji u r-rakkonti jew riflessjonijiet tagħhom.

IL-PONT ma żammx marbut biss mal-ilsien Malti, l-ilsien nazzjonali tagħna, imma inkluda wkoll xogħlijiet miktubin kemm minn Maltin kif ukoll minn barranin (li jgħixu f'kontinenti differenti) b'ilsna barranin, prinċipalment l-Ingliż u t-Taljan. B'hekk rivista letterarja virtwali bħal din kompliet tikber xahar wara xahar tant li waslet ukoll f'idejn għadd sabiħ ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta, imma anki għadd ta' barranin li saħansitra taw spazju lil din il-pubblikazzjoni fis-siti virtwali tagħhom.

Il-PONT tant intlaqa' tajjeb li bosta kontributuri bdew u għadhom jibagħtu l-kitbiet tagħhom biex jinqraw u

# werrej


| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | **3** |
| *Reazzjonijiet* | **6** |
| *L-Intervista* | **7** |
| *Ir-rakkont (1)* | **9** |
| *Ir-rakkont (2)* | **11** |
| *Ktieb mill-qrib* | **12** |
| *Ir-rakkont (3)* | **14** |
| *Il-Poeżiji* | **15** |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | **17** |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | **18** |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

jitgawdew mill-qarrejja. Oħrajn bagħtu u jibagħtu regolarment ir-reazzjonijiet tagħhom għal pubblikazzjoni bħal din permezz ta' ittri elettroniċi li wħud minnhom dehru fil-paġna "Reazzjonijiet". Dan kollu nissel fil-fundatur-editur iktar enerġija u ħeġġa biex proġett ambizzjuż bħal dan ma jiqafx, anzi jkompli jikber.

Minkejja dan kollu ta' min wieħed jgħid li minn issa 'l quddiem IL-PONT mhux se jibqa' joħroġ darba fix-xahar bħal dawn l-aħħar tliet snin, imma se jibda joħroġ darba kull tliet xhur. Dan mhux minħabba l-fatt li materjal u xogħlijiet ta' kontributuri differenti mhemmx, imma minħabba raġunijiet personali. Minn hawnhekk niżżi ħajr lil dawk kollha li wrew u għadhom juru l-apprezzament tagħhom kemm b'ittri kif ukoll billi bagħtu l-kitbiet tagħhom ta' natura varjata, u anki lil dawk kollha li għaddew IL-PONT lil ħbiebhom sabiex din il-pubblikazzjoni kompliet tilħaq dejjem iktar nies. Min hawn ukoll nistieden lil dawn kollha biex ikomplu jagħmlu dan, fosthom jibagħtu tagħrif dwar kotba ġodda, rakkonti, poeżiji, riflessjonijiet differenti u l-bqija. L-editur apprezza u għadu u jibqa' japprezza lil dawk kollha li għoġobhom jibagħtu u għad jibagħtu fil-ġejjieni kopja komplimentari tal-ktieb ġdid li xtaqu jew li jixtiequ jesponu fil-vetrina ta' IL-PONT, anki permezz tal-paġni "Ktieb mill-Qrib" u "Minn fuq l-Ixkaffa".

Fuq nota oħra, is-sena 2015 qed tfakkar l-450 sena mill-Assedju l-Kbir. Kien avveniment li fetaħ spazji kbar rigward letteratura, leġġendi, eroiżmu u kobor u qlubija tal-poplu Malti fl-imgħoddi. L-Assedju l-Kbir illum u s-sagrifiċċji li għaddew minnhom missirijietna għandhom fuq kollox jgħinuna nifhmu aħna min aħna bħala Maltin illum. Aħna poplu-nazzjon li għamel passi kbar 'il quddiem imma xorta waħda għad hemm ħafna iktar xi jsir biex intejbu s-sitwazzjoni li ninsabu fiha. U dan it-titjib jiġi fuq kollox billi nagħmlu sforz ikbar biex nirrispettaw lilna nfusna, lil dak li hu tagħna bħala poplu nazzjon għax mgħoddi lilna b'tant tbatija minn missirijietna, l-ambjent ta' madwarna - ewlieni fost dan dak naturali -, l-istorja, il-wirt ta' pajjiżna, l-istess ilsienna. F'dan ir-rigward għandna nkunu aħjar mill-barrani li meta mmorru f'pajjiżu nistagħġbu u ngħidu kemm hu iktar organizzat u ċivilizzat. Nistgħu nagħmlu aħjar fiċ-ċokon tagħna, dejjem jekk verament irridu nkunu poplu-nazzjon li ħa t-tajjeb li għaddewlu missirijietna u fl-istess waqt fetaħ il-bibien għal influwenzi pożittivi li jgħinuh itejjeb is-sitwazzjoni li jinsab fiha.




Biss nibża' li hemm bosta bsaten fir-roti li qed ifixkluna milli verament nimxu 'l quddiem. Fost dawn hemm il-monopolji, l-ambizzjonijiet u l-egoiżmi personali tal-ftit li jagħmlu parti minn klikek ċirkumċentriċi jew li jidħlu waħda fl-oħra, il-medjokrità li llum drat tilbes maskra li tagħtik l-illużjoni ta' serjetà u intellettwalità - imma fil-fatt ma jkun hemm xejn minn dawn -, il-marda qerrieda ta' lil min taf u mhux x'taf, u anki s-sistema li tagħti ċertifikati u diplomi faċli u lil kulħadd daqs li kieku xejn mhu xejn u kulħadd jista' jikseb dak li jrid billi jfaqqa' subgħajh. Imbagħad hemm il-mezzi tax-xandir partiġġjani li jitimgħuna spiss il-gidba u l-illużjoni li kollox għaddej sewwa jew li kollox sejjer ħażin.

IL-PONT, fiċ-ċokon tiegħu, kellu u għad għandu l-għan li jiġġieled direttament jew indirettament kontra dan kollu, anki billi jesponi kitbiet u riflessjonijiet ta' persuni, li huma bosta, intelliġenti u li jafu jagħżlu bejn l-abjad u l-iswed. IL-PONT fiċ-ċokon tiegħu jixtieq joffri spazju u ħin li jbiegħdu ftit lill-qarrej mill-ġirja sfrenata u materjalista, u għalhekk aljenata, tal-ħajja ta' kuljum, ħajja li hija msejsa fuq l-akkumulazzjoni tal-flus, il-profitt personali u l-bqija. Nieqaf hawn... ☺

Is-sajf kważi għadda u għal bosta anki l-vaganzi. Ma ninsewx il-Festival tal-Ktieb f'Novembru. Inkomplu naqraw u niltaqgħu f'Diċembru għall-ħarġa li jmiss ta' IL-PONT.

**Patrick Sammut (Fundatur u Editur)**
**sammutpatrickj@gmail.com**

# l-aħbarijiet

## LAQGĦA ĠENERALI U KUMITAT ĠDID GĦALL-GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ

Wara sentejn ta' ħidma sfiqa mill-Kumitat 2013-2015, nhar it-18 ta' Lulju 2015 saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali f'Dar l-Ewropa. Minbarra li l-laqgħa serviet biex jiġi apprezzat ix-xogħol eċċezzjonali li l-Għaqda wettqet matul is-snin li għaddew, fiha ġie elett kumitat ġdid biex ikompli jaħdem bl-għan li jippromwovi l-Malti u l-oqsma kollha marbuta miegħu fis-snin 2015-2017. Dawn huma l-membri maħtura u l-karigi li se jkunu qegħdin jokkupaw: Dr Bernard Micallef (Kap tad-Dipartiment tal-Malti), Dorianne Bonello (President), Dorianne Bartolo (Viċi President), Kit Azzopardi (Segretarju), Alvin Vassallo (Teżorier), Dorothy Bezzina (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), Theresa Abdilla, Beverly Agius u Leanne Ellul (membri tal-Kumitat). Il-ħeġġa u l-kwalitajiet diversi ta' dan il-kumitat żagħżugħ jawguraw tajjeb għal aktar ħidma fis-snin li ġejjin. L-Għaqda tħeġġeġ lil kull min għandu għal qalbu l-għanijiet u l-ħidmiet tagħha, speċjalment fost l-istudenti, sabiex jissieħbu fiha u jagħtu sehemhom. L-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn fuq is-sit tal-Għaqda http://www.ghaqdatalmalti.org/shubija.htm.

Sadanittant, l-Għaqda għadha għaddejja bil-ħidma tagħha fuq *Leħen il-Malti* (Għadd 34), ir-rivista ewlenija tagħha; il-proġett *TAĦŻIŻ3*, li fih il-parteċipanti jkollhom iċ-ċans jitħarrġu b'mod sħiħ fil-proċess tal-kitba kreattiva; kif ukoll l-inizjattiva *Sinteżi*, li twaqqfet bl-għan li r-riċerka ta' studenti universitarji tkun aċċessibbli għall-pubbliku.



Il-Kumitat ġdid tal-Għaqda tal-Malti - Università

## LEJLA TA' POEŻIJA U MUŻIKA MILL-GĦAQDA POETI MALTIN

Nhar id-29 ta' Lulju l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla ta' Poeżija u Mużika fiċ-Ċentru Nazzjonali Kulturali tar-Razzett tal-Markiż fil-Mosta. Dan seħħ f'kollaborazzjoni mal-Għaqda Filantropika Talent Mosti. Waqt l-okkażjoni nqraw għadd ta' poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż b'temi u bi stili varji, u dan minn poeti ta' etajiet differenti. Inqraw ukoll poeżiji ta' poeti Maltin klassiċi bħal Ġorġ Pisani u Wallace Gulia. Is-serata tmexxiet mill-URP Miriam Ellul u l-mużika kienet f'idejn Ray Ellul u Jesmond Sharples li hu anki s-Segretarju tal-Għ.P.M. Il-President, Charles Magro, qal li l-poeżiji li nqraw kienu ta' livell għoli u rringrazzja lil dawk kollha preżenti, numru minnhom membri tal-istess Għaqda u oħrajn ħbieb tal-poeżija. Din is-sena l-Għ.P.M. qed tfakkar l-40 sena mit-twaqqif tagħha. Wieħed jista' jikkuntattja lill-Għaqda fuq Facebook u jsegwi l-attivitajiet tagħha permezz tal-ħolqa www.ghpm.blogspot.com.



Il-President tal-Għ.P.M., Charles Magro, jindirizza lil dawk preżenti

## *ALICE IN WONDERLAND* JAGĦLAQ 150 SENA

Is-sena 2015 qed tfakkar il-150 anniversarju tal-pubblikazzjoni ta' *Alice's Adventures in Wonderland*, magħruf iktar bħala *Alice in Wonderland*. Dan hu rumanz miktub fl-1865 mill-kittieb Ingliż Charles Lutwidge Dodgson taħt il-psewdonimu Lewis Carroll. Hu xogħol li jirrakkonta dwar tifla bl-isem ta' Alice li taqa' f'toqba mħaffra mill-fniek biex issib lilha nnifisha f'dinja fantastika mimlija bi ħlejjaq partikolari u antropomorfiċi, mela

mogħtijin karatteristiċi umani. L-istorja hija popolari kemm mat-tfal kif ukoll mal-qarrejja adulti, u hija meqjusa bħala wieħed mill-aqwa eżempji tal-ġeneru letterarju li jissejjaħ "literary nonsense". Il-binja narrattiva ta' *Alice in Wonderland*, il-personaġġi u x-xbihat ħallew influwenzi kbar kemm fil-kultura popolari kif ukoll fil-letteratura, speċjalment fil-ġeneru tal-fantasija. F'rabta ma' dan l-anniversarju qed isiru bosta inizzjattivi madwar id-dinja letterarja, fosthom lejliet letterarji. Il-ktieb qed jinbiegħ ukoll bi prezz speċjali minn bosta ħwienet tal-kotba, anki virtwali. Ħolqa interessanti hija https://www.facebook.com/aliceinwonderlandofficialbook



Xena partikolari mill-ktieb ta' Lewis Carroll

**LAQGĦA ĠENERALI U KUMITAT ĠDID GĦALL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Fis-7 ta' Awwissu 2015 saret il-Laqgħa Ġenerali tal-Akkademja tal-Malti. Il-laqgħa fetaħha s-Segretarju, Joseph P. Borg. Huwa tkellem dwar il-ħidma li wettqet l-Akkademja u ħareġ il-punti ewlenin tar-rapport amministrattiv. Wara kien imiss lill-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, it-Teżorier, li ta rendikont finanzjarju. L-aħħar kelma kienet f'idejn il-President, Olvin Vella, li tkellem dwar il-viżjoni tal-Akkademja fl-aħħar sentejn. Semma l-proġetti li twettqu u oħrajn li għad iridu jkomplu jitwettqu. Huwa rringrazzja lill-membri tal-kunsill tal-impenn kontinwu tagħhom. Il-kunsill il-ġdid għall-perjodu 2015-2017 inħatar b'elezzjoni u hu magħmul minn Olvin Vella (President), Joseph P. Borg, Phyllis Debono, Dr George Farrugia, Reno Fenech, Victor Fenech, Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, Achille Mizzi, Rita Saliba, Trevor Żahra u Claire Zerafa. Il-ħatra tal-bqija tal-karigi uffiċjali se ssir fl-ewwel laqgħa tal-kunsill.

**ILHOM SENA JITOLBU KANZUNETTA BIL-MALTI FIL-KUNĊERT TA' JOSEPH CALLEJA**

Entitajiet u għaqdiet li jaħdmu biex iġibu 'l quddiem il-qagħda tal-Malti fl-oqsma kollha tal-ħajja, ilhom aktar minn sena jwasslu s-suġġerimenti u l-kritika tagħhom dwar in-nuqqas ta' kanzunetti bil-Malti fil-kunċert ta' Joseph Calleja. F'ittra li ntbagħtet lill-organizzaturi wara l-kunċert ta' Joseph Calleja s-sena li għaddiet, l-Akkademja tal-Malti pprotestat li fil-kunċert ma tkantatx kanzunetta bil-Malti. Is-Segretarju tal-Akkademja tal-Malti Joseph P. Borg iddeskriva l-kunċert ta' Calleja bħala manifestazzjoni mużikali mill-aqwa, meqjus bħala vetrina mill-isbaħ tal-kultura Maltija. Żied jgħid li l-Akkademja taf kemm it-tenur Malti għandu għal qalbu l-kultura Maltija, u "għaldaqstant ma tagħmilx sens li titħalla barra l-lirika bil-Malti f'kunċert organizzat f'Malta u li fih tkantaw tant kanzunetti b'ilsna differenti quddiem udjenza Maltija." F'isem l-Akkademja, Borg qal lill-organizzaturi li jekk se jkomplu jorbtu l-kunċert mal-impenn kulturali, huwa dmir tagħhom li ma jħallux il-lirika bil-Malti barra. Din l-ittra kienet issegwi oħra li ntbagħtet mill-istess Akkademja qabel il-kunċert tal-2014, li fiha l-Akkademja tal-Malti esprimiet is-sodisfazzjon tagħha f'isem il-Maltin meta ġiet inkluża l-kanzunetta *Xemx.* L-Akkademja kienet qalet li dan taha x'tifhem li fil-kunċerti futuri kienu se jibdew jiġu inklużi kanzunetti bi lsienna. Esprimiet it-tama tagħha li din ma kinitx konċessjoni ta' darba, imma xhieda ta' maturità li twassal għal apprezzament ġenwin tal-ilsien Malti. Intant, ma' **Newsbook.com.mt,** Michael Spagnol li hu l-amministratur tal-paġna *Kelma Kelma* fuq Facebook, qal li "għalkemm il-kunċert hu avveniment mużikali mill-aqwa li saħansitra jagħti opportunità lil kantanti u gruppi Maltin, hi ħasra li fi spettaklu minn kantanti Maltin għall-Maltin ma tkantawx kanzunetti bil-Malti." Saħaq li "jekk Joseph Calleja jrid tassew jippromwovi lil Malta mal-barranin, ikun xieraq li jippromwovi wkoll il-lingwa u l-kanzunetta Maltija." L-organizzaturi tal-kunċert għadhom ma qalux jekk hux se jinkludu kanzunetti bil-Malti fil-kunċerti li jmiss ta' Joseph Calleja.

# l-aħbarijiet

**FESTIVAL MEDITERRANJU TAL-LETTERATURA FIL-FORTI SANT'IERMU**

L-għaxar edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta organizzat minn Inizjamed ittellgħet bejn is-27 u d-29 ta' Awwissu 2015, fil-Forti Sant'Iermu, il-Belt Valletta. Minbarra l-qari ta' novelli u poeżiji minn ħdax-il awtur minn tmien pajjiżi, kien hemm mużika jazz u alternattiva, tliet "films tal-poeżija", fosthom wieħed Malti mnebbaħ minn poeżija ta' Mario Azzopardi, kotba għall-bejgħ, u ikel u xorb. Id-dħul kien b'xejn. Waqt l-ewwel jum tal-Festival ħadu sehem il-poeta Tork Efe Duyan, il-poetessa u novelliera Maltija li tgħix Franza Nadia Mifsud, ir-rumanzier u novellier Ingliż ta' nisel Malti James Vella, u l-poeta u politologu magħruf Palestinjan Tamim Barghouthi, rebbieħ ta' bosta premjijiet, li intervistah Walid Nabhan. Fit-tieni jum ħadu sehem il-poeta Tuniżin Moëz Majed, l-awtur Malti Trevor Żahra, il-poetessa Slovena Jana Putrle Srdić, u r-rumanzier magħruf Ingliż-Libjan Hisham Matar, li stabbilixxa ruħu fix-xena internazzjonali bir-rumanz rebbieħ ta' bosta premjijiet *In the Country of Men*. Hisham Matar, ġie intervistat minn Albert Gatt. Fit-tielet jum ħadu sehem ir-rumanzier John Bonello, il-poeta u akkademiku Norbert Bugeja, u r-rumanziera u akkademika ta' fama internazzjonali Marina Warner, li intervistatha Gloria Lauri-Lucente, Deputat Dekan fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Din is-sena l-Prof. Marina Warner ingħatat il-Premju prestiġjuż Holberg għall-kontribut straordinarju tagħha fl-Oqsma Umanistiċi u mexxiet il-ġurija tal-Premju Internazzjonali *Man Booker* tal-2015.



**Ir-rumanziera u akkademika Marina Warner**

Intant, l-awturi li kienu f'Malta fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu ħadu sehem f'laboratorju tat-traduzzjoni li fih ittraduċu x-xogħlijiet ta' xulxin u qraw uħud minnhom waqt il-Festival. Il-Festival u l-laboratorju tat-traduzzjoni letterarja huma parti mill-inizjattiva *Literature Across Frontiers*, li kellha sehem importanti fit-twaqqif u l-iżvilupp annwali tal-Festival. Bħala parti mill-Festival, fil-25 ta' Awwissu, il-poeta Tuneżin Moëz Majed għamel taħdita dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżu fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti, fl-Università, tal-Qroqq. Din l-attività ttellgħet mill-Istitut Mediterranju tal-Università bi sħab ma' Inizjamed u tmexxiet minn Norbert Bugeja.

Din l-għaxar edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura f'Malta u l-laboratorju tat-traduzzjoni tal-LAF ittellgħu minn Inizjamed bħala parti mill-inizjattiva *Literature Across Frontiers* u bl-għajnuna tal-*Malta Arts Fund*, il-Fondazzjoni Valletta 2018, *Heritage Malta*, il-Kunsill Malti tal-Arti, l-Għaqda tal-Malti – Università, *The Fortress Builders*, l-Aġenzija Żgħażagħ, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, iċ-Ċentru għal-Letteratura Slovena u l-Aġenzija tal-Ktieb tar-Repubblika Slovena, u Reel *Festivals*. Is-sit tal-Festival huwa inizjamedmalta.wordpress.com u l-paġna fuq Facebook jisimha "Malta Mediterranean Literature Festival 2015". Waqt dan il-Festival ħadu sehem ukoll gruppi mużikali diversi u ntwerew għadd ta' "films tal-poeżija".

**LEJLA TA' TNEDIJA FIL-MOSTA MILL-GĦ.P.M.**

Lejla oħra mtellgħa mill-Għaqda Poeti Maltin seħħet fil-21 ta' Awwissu fir-Razzett tal-Markiż fil-Mosta. Matulha ġew imnedija żewġ ġabriet poetiċi: *In Her Element* ta' Therese Pace, ippubblikat mill-Faraxa Publications, u *Bejn Tnejn*, koawturata mill-poeti emerġenti Josef Borg u Carlston Grima. Waqt lejla bħal din il-poeti mistiedna qraw għadd ta' poeżiji miż-żewġ ġabriet poetiċi tagħhom filwaqt li ġew intervistati mill-President tal-Għaqda Poeti Maltin, Charles Magro. Għall-okkażjoni attendew numru sabiħ ta' poeti Maltin kontemporanji li qraw ukoll versi minn tagħhom.

# reazzjonijiet

**E-mail mingħand Victor V. Vella, is-27 ta' Lulju 2015**

Sur Editur,

Ngħid għalija l-ikbar skop prezzjuż ta' IL-PONT hu li nista' nħoss ftit 'il-polż' tal-kitba letterarja Maltija kontemporanja. Avolja mill-bogħod, għal wieħed bħali li qiegħed hawn l-Awstralja maqtugħ ftit jew wisq minn dak li hu għaddej fil-'Kultura' Maltija f'pajjiżna, IL-PONT insibu ideali biex inżomm il-kuntatt ma' dak li hu kurrenti. Fl-istess ħin nista' naqsam ma' ħaddieħor dak li nikteb. IL-PONT joffri wkoll iċ-ċans li kultant naqsam mal-qarrejja xi idea jew suġġeriment li jiġi mar-riħ.

Xi xahrejn ilu kont issuġġerejt f'dan il-ġurnal, li nesploraw l-idea li tinħoloq u tinkiteb kitba kritika fil-fond fuq kapulavuri jew *landmarks* fil-letteratura Maltija. Li se nissuġġerixxi din id-darba hu jekk hux possibbli li jsir studju biex jesplora separatament it-temi jew is-suġġetti komuni fil-letteratura Maltija. Suġġetti bħal ngħidu aħna l-baħar, l-ambjent /in-natura ta' Malta, il-gwerer, ir-reliġjon, l-istorja ta' Malta, id-djar jew ir-razzett minn barra imma wkoll min-ġewwa, il-pika, ideat/filosofiji/kitba barranija u x'influwenza kellhom fuq il-kitba Maltija. Bħala eżempju se nieħu 'il-baħar'. Kif jiġi ttrattat il-baħar fil-kitba Maltija, bħala pont jew bħala fliegu jagħli bil-kurrent li ma jħallikx taqsmu, kif ddeskrivih Ġużè Galea f'*Raġel bil-Għaqal*. Tista' tieħu wkoll il-baħar bħala riżors għall-għejxien, jew għall-gwerer li saru fuqu, jew il-baħar bħala 'serħan', post fejn tista' tgħum u timraħ u tistagħad għall-pjacir.

Dawn huma biss ftit temi u numru żgħir ta' mistoqsijiet li jilagħbu parti fil-poeżiji, fir-rumanzi/stejjer, u wkoll fid-drama Maltija. Kull tema hi suġġett vast u jitlob iżjed xogħol/studju ta' grupp milli ta' individwu. Imma naħseb li studenti tal-Malti li għadhom l-Università u studjużi oħrajn isibu proġett bħal dan interessanti, kif ukoll xogħol ta' fejda.

Victor V. Vella, Sydney, Australia

**E-mail mingħand Lina Brockdorff, it-2 ta' Awwissu 2015**

Għażiż Patrick,

Qed nerġa' niktiblek għalkemm ġa tajtek il-prosit u rringrazzjajtek. [...] llum qgħadt naqra bil-mod dik il-ġawhra ta' editorjal tiegħek.

Kemm għandek raġun sieħbi! Imma kontra qalbi jkolli ngħidlek li milli jidher 'l hemm sejrin. Aħna qegħdin tajjeb diġà, u ma nafx x'ser insiru wara li tgħaddi liġi li twarrab kull sens ta' diċenza, morali u rispett lejn kull ma hu tajjeb u sabiħ. Forsi mhux ġa bdejna nduqu kemm fuq ir-radjijiet u l-istazzjonijiet televiżivi ħniżrijiet ta' kull tip ta' ħmieġ u vulgarità! U s-sabieħa hi li dawn qed jingħoġbu għax ikun hemm min iċempel u japplawdi u jiftaħar li dawn l-affarijiet jogħġbuh! Mur sib raġuni mal-injorant!

Imma jaħasra 'naħqa ta' ħmar qatt ma telgħet fis-sema'. Mhux int biss il-ħmar, Patrick, miegħek ninkludi lilna l-kittieba li dejjem konna 'serji' u qatt ma ppruvajna nagħmlu l-flus billi naqgħu niktbu 'iż-żibel' li għall-ħnieżer huwa lussu, imma x'ser isir mil-letteratura serja Maltija? Tħoss qalbek tinqasam!

Lina.





*Carmel Scicluna twieled Ħal Qormi fl-1969. Fl-1992 iggradwa fil-Farmaċija. Jaħdem bħala Senior Pharmacist ma' tas-Sanità. Miżżewweġ u għandu tifel u tifla, Thomas u Daniela. Attenda diversi korsijiet fil-kitba kreattiva. Kien jikteb f'"In-Nazzjon" u kien kontributur regolari għal tmien snin tal-magazin ta' "Il-Mument" Spektrum li wara sar Fokus. Awtur ta'* Jasmina, *ġabra ta' poeżiji; diversi rumanzi u stejjer bil-Malti. L-aktar popolari mal-qarrejja u mal-kritiċi hu* Ossessjoni *(Merlin, 2013). Dan hu rumanz għall-adolexxenti mill-iktar disturbanti fuq il-pedofelija, u rebbieħ tal-ewwel premju mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Aġenzija Żgħażagħ.* Il-Kummidjanti tal-Parlament *(stejjer, 2014),* Feruti *(stejjer, 2014) u* F'Ħalq il-Lupu *(rumanz, 2015) huma l-aktar kotba reċenti tal-awtur. It-tlieta ppubblikati minn Horizons.*

**Din is-sena se tara b'kollox tliet kotba oħra minn tiegħek ippubblikati. Wieħed hu diġà ppubblikat u tnejn se jiġu ppreżentati waqt il-Festival tal-Ktieb. Liema huma?**

F'ĦALQ IL-LUPU hu l-ktieb li ġie ppubblikat fil-bidu tas-sena 2015. It-tnejn l-oħra li dalwaqt ikunu fis-suq lokali huma IL-ĦADDIEMA TA' MISS WILMA u PERVERSI.

**Kif ivarjaw wieħed mill-ieħor bħala ġeneru?**

F'ĦALQ IL-LUPU huwa rumanz fittizju modern; triler mexxej. IL-ĦADDIEMA TA' MISS WILMA huma stejjer letterarji; kollha fittizji; daqqiet serji, daqqiet komiċi, daqqiet intellettwali, imma dejjem divertenti. PERVERSI huwa ġabra ta' stejjer letterarji; daqqa reali u daqqa surreali; popolari daqskemm divertenti. M'hemmx *escapism*, mhumiex aljenatorji u jħassbuk fuq il-kattiverija u l-bigottiżmu tas-soċjetà tagħna.

**Liema huma t-temi li ttrattajt fihom?**

F'ĦALQ IL-LUPU jaqbadha fuq it-traffikar tat-tfal min-nies marbutin sfiq mal-mażunerija. Jiżviluppa fid-dettall u b'ħafna *psychological undertones* il-karattri ta' ebeflu, ta' transesswali u ta' tifla Sirjana tgħix f'Malta taħt *care order*. IL-ĦADDIEMA TA' MISS WILMA huwa parodija li kultant taqsmek bid-daħk, u kultant tisserjak, fuq il-ħaddiema tal-gvern li "jaħdmu" f'laboratorju fejn l-ikel li jidħol għat-testijiet jittiekel. Dawn dejjem jivvintaw il-bluhat u l-praspar biex jgħaddi l-ħin. Imma jien għaraft ukoll noħloq diversi simboli u lil-Laboratorju bħala metafora ċentrali eżistenzjalista; tattiċi simili użajthom f'BARNEY L-ISPIŻJAR, aktarx l-aktar parodija selvaġġa li qatt ktibt fuq Malta. PERVERSI hu ktieb li qatt ma ħareġ bħalu f'Malta sa fejn naf jien. Awdaċi. Jittratta sesswalitajiet 'strambi' bil-qawwi imma ma fihx ħmieġ, jew xiħaġa li tbaxxi d-dinjità ta' min hu differenti mill-kotra l-kbira minħabba l-orjentament sesswali tiegħu. Ma nirromantizzax fih, ma nittrivvjalizzax u ma nissensazzjonalizzax. U l-perverżjoni nsejħilha b'isimha. Hu fuq nies li prattikament jgħixu taħt l-art minħabba s-sesswalità perversa tagħhom; min ivvizjat bil-masturbazzjoni u ma jridx jaf bil-mara, min fetiċista mġennen għall-qliezet ta' taħt tan-nisa, min transesswali jgħix ħajja miżżewġa bla jaf ħadd lanqas 'bintu', u l-bqija.

**Minn fejn tlaqt bħala ispirazzjoni? Hemm xi kittieba jew aħbarijiet kurrenti li ispirawk?**

F'ĦALQ il-LUPU (ġab l-aktar punti, tfaħħar mill-ġurija, imma ma rebaħx il-premju mogħti mill-KNK/AŻ sempliċement għax ma mmirax għall-etajiet rikjesti) hu ispirat mill-istess tifla Sirjana taħt *care*

*order* li kont ngħallem għal ftit żmien, u xtaqt naddotta bla rnexxieli. Din nebbħitni nikteb ukoll OSSESSJONI (Merlin, 2013) u ġabra ta' poeżiji li għad irrid nippubblika. IL-ĦADDIEMA TA' MISS WILMA hu mnebbaħ mil-laboratorju (kif kien qabel dħalna fl-Unjoni Ewropea) fejn ili naħdem 23 sena. PERVERSI nħadem wara ċertu *papers* li qrajt u riċerka xjentifika fuq tema favorita u rikkorenti fil-kotba tiegħi: is-sesswalità.

F'IL-ĦADDIEMA TA' MISS WILMA kont ispirat minn Samuel Beckett, Franz Kafka, Albert Camus u Jean-Paul Sartre, u forsi oħrajn li bħalissa mhux qed niftakar. Fl-oħrajn ma jidhirlix li hemm xi kittieba partikolari li laqatni xogħolhom, u lanqas xi aħbarijiet kurrenti partikolari ma ispirawni. L-unika storja surreali li ġiet ispirata minn dramm assurd ta' Eugene Ionesco, biex ma nigdibx, kienet IL-BAMBIN T'OMMU fil-ktieb tiegħi PERVERSI.

**Kemm hu importanti li kittieb isib l-għajnuna tal-pubblikatur?**

L-għajnuna tal-pubblikatur regolari tiegħi Horizons tiswa mitqilha darba. Kont għajjejt, ma niflaħx għall-ġlied mal-mara, qtajt qalbi, u bil-but imtaqqab minn kemm kont ili li bdejt nagħti xogħlijieti b'xejn lil-Librerija Ċentrali ta' Belt is-Sebħ.

**Kif qed tintlaqa' l-kitba tiegħek mill-pubbliku?**

Tajjeb ħafna. Infaħħar 'l Alla. Fil-Fiera tal-Ktieb, talanqas s'issa, tiegħi qed jiġu mal-ewwel tlieta jew ħames kotba l-aktar mibjugħin.

**Għal min huma mmirati l-kotba tiegħek?**

Għall-qarrej ġenerali bi ftit li xejn skola u għall-qarrej kolt fl-istess ħin.

**Liema huma eżattament il-qarrejja ta' xogħlijietek?**

Nixtieq li nkun naf.

**Naf li inti bdejt tippubblika minn flusek il-kotba tiegħek, fosthom ġabriet ta' rakkonti, rumanzi u anki poeżija. Kif ivarjaw il-kotba li qed tippubblika llum permezz tad-djar tal-pubblikazzjoni (Merlin u issa Horizons), u l-kotba awto-ppubblikati tiegħek?**

It-temi huma ftit u baqgħu l-istess. Hemm kontinwità sħiħa li torbot ktieb tiegħi ma' ieħor, u hemm kontinwità mal-awturi moderni tas-sittinijiet u tat-tradizzjonalisti – anki fil-poeżija li ktibt. Qed nipprova nkun aktar kreattiv, aktar dixxiplinat, aktar sofistikat fl-istil u fil-kontenut. Qed nipprova wkoll inkun fitt sal-punt tal-ossessjoni li nikteb sentenzi preċiżi u b'Malti mill-isbaħ. X'qed nagħmel fil-fatt il-kritiċi biss jistgħu jgħiduh. Fl-2016 fi ħsiebi noħroġ tliet kotba oħra. Imbagħad nieqaf għall-mistrieħ mistħoqq.




**Il-qoxra tal-faċċata tal-ktieb *F'Ħalq il-Lupu* ta' Carmel Scicluna li ħareġ aktar kmieni din is-sena**

# ir-rakkont (1)

Mary Chetcuti

**IL-MALTIN F'SALONIKA (1915 - 1918)**



**Parti miċ-Ċimiterju Militari f'Sarigol, fil-Greċja**

Madwar 40 kilometru 'l barra fit-tramuntana tat-Tessaloniki, fil-Greċja, fid-direzzjoni tal-belt ta' Kilkis u tliet kilometri fin-nofsinhar ta' Kilkis issib ir-raħal żgħir ta' Kristoni. Kilometru ieħor fin-nofsinhar ta' Kristoni u ssib direzzjonijiet li jwassluk għaċ-Ċimiterju Militari ta' Sarigol.

F'dan iċ-ċimiterju hemm midfunin b'kollox 682 ruħ, suldati u rġiel reklutati mar-Riġmenti Brittaniċi matul il-Gwerra l-Kbira ta' bejn l-1914 u 1918. 676 minnhom huma identifikati u l-kumplament huma suldati mhux magħrufa. Sitta minn dawn il-vittmi tal-gwerra identifikati huma Maltin li telgħu jagħtu s-servizz tagħhom bħala manwala mal-Malta Labour Corps u kienu assenjati mal-BFS, 22nd Division.

Is-sitt Maltin kienu Luigi Grech – Labourer 261 li miet fil-21 ta' Settembru 1918 fl-età ta' 18–il sena; Tommaso Mamo – Labourer 7133 (il-bużnannu tiegħi) li miet fit-18 ta' Settembru 1918 fl-età ta' 53 sena; Giuseppe Pace – Labourer 154 li miet fit-30 ta' Lulju 1918 fl-età ta' 63 sena; Labourer 4102 – Emmanuele Parnis li miet fil-21 ta' Lulju 1918 fl-età ta' 21 sena; Luigi Saliba – Labourer 4247 miet fl-età ta' 26 sena nhar it-2 ta' Novembru 1918 (disat ijiem biss qabel spiċċat il-gwerra), u Labourer 6628 – Vittorio Sultana li tilef ħajtu fl-età ta' 19 –il sena fis-26 ta' Jannar 1918.

Il-British Salonika Forces – 22nd Division, waslu fil-Maċedonja fl-1915 minn Gallipoli, u bil-baħar minn Marsilja. Hemmhekk kellhom jingħaqdu ma' truppi Franċiżi biex jiġġieldu kontra l-għadu Bulgaru li kien alleat tal-Imperatur tal-Ġermanja u l-Imperu Awstro-Ungeriż. L-iskop kien li tinħeles is-Serbja.

Il-kesħa qalila li sabu fl-ewwel xitwa tagħhom hemmhekk ġegħlithom jistazzjonaw ruħhom fil-Port ta' Salonika fejn skennew flimkien ma' truppi alleati oħra Griegi, Taljani, Russi u s-Serbi nfushom. Mal-wasla tagħhom fit-Tessaloniki t-truppi alleati sabu belt fqira, primittiva u nieqsa mill-bżonnijiet bażiċi sanitajri kollha. It-tobba militari mill-bidu nett kellhom biċċa xogħol kbira jissieltu mal-mard tal-malarja, *frost bites* fit-temperaturi baxxi ħafna, u aktar tard fl-1918 kellha tfaqqa' wkoll l-imxija tal-Influwenza Spanjola li eskalat għal epidemija fost it-truppi. Dan sintendi minbarra l-ferimenti waqt il-ġlied qalil fil-battalji tal-1917 u l-1918. Fil-Balkani kien irreġistrat numru għoli ta' mwiet bil-mard daqs kemm kienu rreġistrati mwiet fuq il-front tal-ġlied. Dawk is-suldati li kienu jinħtieġu kura aktar fit-tul kemm mill-mard kif ukoll mill-ferimenti kellhom jinġiebu fi sptarijiet Malta, l-Eġittu u l-Gran Brittanja.

Minn fost il-Maltin, nista' nikkonferma li dawn inħakmu mill-mard qabel ma laħqu esperjenzaw xi ġlied, peress li Tommaso Mamo, wieħed mis-sitta midfunin fiċ-Ċimiterju ta' Sarigol, ġie rreġistrat bħala li miet minn pnewmonja (setgħet kienet l-Ispanjola).

Qabel bdew l-attakki fuq it-truppi armati sa snienhom tal-Bulgarija, kellu jsir xogħol estensiv fil-bini ta' toroq għax it-terren viċin l-Għadira Doiran (il-post tal-battalja) kien wieħed selvaġġ u mħarbat ħafna, bini ta' linji tal-ferrovija, tħaffir tat-trunċieri u bini ta' ħajt enormi bil-*barbed wire*. Dan tal-aħħar kien xi ħaġa impressjonanti fil-kobor għal min jarah. Il-Maltin ingaġġati mal-Malta Labour Corps ħadmu fuq dan ix-xogħol kollu. Kienu qed jitħallsu ekwivalenza ta' bejn 25 u 35 ewro ċenteżimi kuljum u marru għax f'Malta kien hawn qgħad kbir.

L-ewwel battalja ta' Doiran li seħħet bejn April u Mejju 1917, kienet waħda feroċi bil-Bulgari vvantaġġati fuq it-truppi Brittaniċi u Franċiżi peress li dawn tal-ewwel kienu mifruxin fuq l-għoljiet filwaqt li l-infanteriji alleati skjeraw ruħhom taħthom fix-xagħri, mikxufin u esposti għal kollox. It-tieni battalja ta' Doiran seħħet bejn it-18 u d-19 ta' Settembru 1918 u kellha l-istess riżultat diżastruż ta' dik tal-1917. Fil-fatt, it-truppi Brittaniċi kellhom jirtiraw lura lejn Salonika fit-tieni jum ta' ġlied għax

bl-imwiet u bil-ferimenti li ġarrbu ma setgħux ikomplu bl-offensiva tagħhom. Il-qilla u s-superjorità tat-truppi Bulgari kienu xi ħaġa ammirabbli, saħansitra għall-kmandanti tal-għadu tagħhom!

Ġara, però illi jumejn wara l-irtirar tat-truppi Brittaniċi, il-Bulgari, minn jeddhom għollew il-bandiera bajda. L-għadu ċeda l-armi u l-alleati avvanzaw fuq l-għoljiet ta' Doiran u għajtu 'Vittorja'! Il-gwerra kienet qed toqrob lejn tmiemha. Bnadi oħra, il-Ġermaniżi u l-Awtrijaċi kienu għadhom kemm ġarrbu telfiet kbar.

Din il-'vittorja' swiet lit-truppi Brittaniċi u Griegi bejn 6,559 u 7,819–il ruħ, filwaqt li l-għadu Bulgaru ġarrab 2,726 mewta fil-battalja finali ta' Settembru 1918.

Ironikament, il-battalja ta' Doiran hija episodju minsi tal-Ewwel Gwerra Dinija u ħadd ma' jagħmel riferenza għaliha fit-tifkiriet tal-gwerer. L-isforzi li għamlu l-British Salonika Forces, 22nd Division ma jissemmewx. Sir George Milne, il-Kap Suprem tal-kampanja fil-Maċedonja ġie injorat meta kien jibgħat aġġornamenti fuq il-gazzetti Ingliżi dwar l-andament tal-gwerra fit-Tessaloniki. Kienet tingħata prominenza lill-kampanja fil-Flanders u Franza biss.

Mifruxin mal-Greċja kollha hemm tnejn u għoxrin ċimiterju militari tal-Gwerra l-Kbira li tieħu ħsiebhom il-Commonwealth War Graves Commission. Fihom hemm midfunin irġiel u nisa (*sisters* u infermiera) tal-BSF li kien jinkorpora il-Malta Labour Corps. Dawn in-nies jistħoqqilhom li jiġu mfakkra u mogħtija ġieħ fit-tifkiriet tal-gwerer. Nies li ġġieldu f'kundizzjonijiet ta' temp u terren mill-aktar ħorox, kontra għadu iebes u mard qerriedi. Dawn kienu nies li taw sehemhom biex tintrebaħ il-gwerra.

F'ċerimonja ta' tifkira mtellgħa mill-veterani tal-Balkani nfushom, l-Isqof ta' Londra kien fakkar u qal (nikkwota), "These men of our Eastern Armies have had the dust and toil without the laurel, of the race to victory."

Fosthom kien hemm missirijietna Maltin.

**ĦOSS IS-SILENZJU**

Intlift fir-rutina tal-ħajja
ħajja mgħaġġla u mimlija nkwiet
inkwiet li jifnik u ikiddek
u ikiddek bla ma jħallik kwiet

Il-kwiet imma jien kemm inħobbu
inħobbu w napprezzah bis-sħiħ
sħiħ aktar minn kull ħoss ta' mużka
mużka ħelwa fis-skiet tal-mistrieħ

Mistrieħ kif inkun f'das-silenzju
f'das-silenzju lili nerġa' nsib
insib x'jien u min jien u x'naf jien
jien mitluf minn misjub kien fil-qrib

Qrib nisma' dal-ħoss li jsaħħarni
isaħħarni f'mument li ssellift
issellift il-paċi tal-ġenna
tal-ġenna fil-ferħ jien intlift

**NAZZARENU ZERAFA**
**Brisbane, L-Awstralja**

**PARTENZA...**

Filli fuq il-palk
u filli udjenza...
u filli j'alla biex naslu
u filli iġri biex tinsa...
u filli 'tgħid din hi t-triq?'
u filli assenza...
Kemm aħna partenza...

**WALID NABHAN**

**ĦSIEB**

Lil Jeremy: Demgħa fuq xfar għajnejk,
naraha,
bħal qatra nida friska,
fuq warda sbejħa.

**CHARLES MIFSUD**

# ir-rakkont (2)

Amanda Busuttil

**IL-ĦABBATA TAŻ-ŻIEMEL IL-BAĦAR**

Il-post qisu Marsaxlokk. Qed nuri din l-inċertezza tiegħi għaliex din il-ġrajja kollha, jien qed naraha bħalissa minn ġot-tromba. Kull darba li nħares minn ġol-kaledoskopju, minflok jitilgħu ħafna kuluri, dejjem tfeġġ din l-istorja, b'xenarji wara xulxin bejn klikk u klikk.

Dakinhar li qrajt il-poeżija *Ode to the sea* ta' Pablo Neruda minn ktieb li kien tan-nannu, indunajt illi fil-qoxra tal-ktieb kien hemm folja fuq wara mwaħħla bil-kolla u t-trufijiet donnhom bdew jinqalgħu. Il-kurżità għelbitni u kontra qalbi bdejt inqaxxar il-karta mwaħħla u bdiet titqattagħli. Warajha, sibt ħabbata ċkejkna ta' żiemel il-baħar mimlija bis-sadid.

Għoġbitni ma ngħidilkomx kemm. Ippruvajt nara kienx hemm xi ħaġa oħra jew xi nota, imma ma sibt xejn. Dakinhar wara nofsinhar, inżilt Delimara bil-kelb biex immur nistad ma' sieħbi li kont ilni nafu mit-tfulija. Konna nehdew nqattgħu siegħa hemm, nieklu kisra ħobż tal-Malti bil-kappar u nitħaddtu fuq kemm konna nagħmlu praspar jinkitbu, fi tfulitna.

Il-kmajra li konna mmorru fiha kienet minn tal-ġenerazzjoni tal-bużnannu u hemm kienu jqattgħu ħinhom fil-kwiet, jistinkaw għall-għalqa u jifirħu magħha meta kienet tferraħhom u jibku magħha meta kienet tbikkihom.

Oħroġ il-għaġeb, darba minnhom kelli xi għodda u f'kaxxa antika (ma nafx jien stess kemm), insib ħabbata oħra pariġġ dik li sibt fil-ktieb. Kienet imsadda daqsha imma din id-darba, din li sibt kellha ħafna spag imdawwar mal-manku u taħt dawn l-ispag kien hemm karta safra rqiqa u kważi mikula u kienet tgħid:

'Dejn il-ħabbuta u t-tewmije tagħhe salvawnej mill-għorqa Diċimbru annu 1899'.

Xtaqt li kont naf xi ġralu l-bużnannu Rużurju. Kif dħalt id-dar mort fuq il-kompjuter, ittajpjajt isem il-poeżija u tela' Video ta' U-tube bl-attur Ralph Fiennes qed jaqraha.

In-nannu forsi din l-istorja kien jaf biha, imma qatt ma qal b'xejn f'ħajtu. U l-fatt li l-ħabbata pariġġha ħbieha fil-ktieb tal-poeżija, qajjimli misterju.
Dak in-nhar kont sejjer nara l-logħba l-każin għax id-dar ma kellix Sport Channel u ridt nara ċ-Chelsea jilagħbu. Il-każin kien hemm Spiru, dejjem iġemma' l-istejjer dak u kieku jaf l-iskola kien ikun riċerkatur imfittex sew u fettilli mmur nistaqsih fuq bużnannuwwi.

Qalli li jgħidu li hu kellu tewmi, xi ħaġa li qatt ma smajtha qabel (għax għandek tgħid in-nies ikunu jafu xorti fuq familtek li int ma tkunx taf) u wieħed minnhom għex u l-ieħor miet. Darba kienu ilhom neqsin jumejn fuq il-baħar, u missierhom kien ħadhom miegħu biex jaqilgħu sold huma wkoll mis-sajd. Barra kien hemm ħalel kbar u waħda minnhom ġiet thedded id-dgħajsa, u sawtitha. Wieħed mis-subien żamm idejh marsusin ma' żewġ ħabbatiet (ta' bieb fejn sid id-dgħajsa kien jiekol, jinħasel, jistrieħ u jerfa' l-ħut li jkun ipprovda l-Ħallieq) u lit-tewmi belgħatu l-mewġa.

Mort id-dar imnikket għall-aħħar għal din il-ġrajja. Ma nafx kif ħadd qatt ma kien qal xejn li l-bużnannu kien tewmi. Imma issa kollox qisu ġej ċar f'għajnejja. Oħti kellha tewmin imma wieħed minnhom kien mitilha meta kien tarbija. Forsi għalhekk qatt ma ssemma' xejn biex ma jsewdulhiex qalbha għax kienet qabditha dipressjoni kbira u dejjem tibkih. Stajt nifhem ukoll li n-nannu kien jaf li kellu ziju li qatt ma seta' jiltaqa' miegħu u dawk il-ħabbatiet kienu jissimbolizzaw liż-żewġ tewmin. In-nannu qatt ma kellu l-opportunità li jsib it-tieni ħabbata għax kieku kien jgħożżha daqs l-oħra.

Il-kaledoskopju bejn klikk u klikk kien ifesfisli f'widnejja l-poeżija tal-baħar u kif nara dik il-mewġa tielgħa tibla' lit-tewmi dejjem kont nagħlaq għajnejja u kif niftaħhom nara ż-żewġ żwiemel il-baħar tal-ħabbatiet jieħdu l-ħajja. Forsi min jaf, f'ħajja oħra, iż-żewġ tewmin reġgħu sabu lil xulxin fil-forma ta' żwiemel il-baħar u jinsabu henjin fid-dinja t'hemm taħt.



# Alfred Massa




***WERAQ TAL-ĦARIFA* ta' Alfred Massa, Pubblikazzjoni Bronk 2014.**

Dan ir-rumanz ġdid ta' Alfred Massa jifrex fuq 204 paġna u hu maqsum f'20 kapitlu. Jiftaħ bi żmien speċifiku: il-preżent, ix-xahar ta' Novembru, Jum l-Erwieħ, mela l-istaġun tal-ħarifa. Sa mill-ewwel kapitlu l-qarrej jifhem li dak li seħħ fl-imgħoddi se jkollu importanza u se jingħata spazju wiesa' f'dan ir-rumanz.

Il-protagonisti hawn huma żewġ anzjani: Salvu u Vanda, it-tieni mara tiegħu. Hemm waqtiet meta fl-istorja (fil-*flashbacks*) takkwista ċerta importanza anki Salvina, l-ewwel imħabba u mara ta' Salv. Aktar tard tispikka r-rabta ta' Salvu ma' ommu u anki maż-żewġ ħbiebu Valent u Karmenu. Dawn jgħinuh biex ifieq mill-ġerħa psikoloġiko-emozzjonali tiegħu. Fil-*flashbacks* insiru nafu wkoll kif aktar tard Salv iltaqa' ma' Vanda.

Dawn il-*flashbacks* jibdew fit-tieni kapitlu meta, wara li Salvu jiltaqa' ma' ners l-isptar li tfakkru fl-ewwel mara tiegħu, Salvina, Massa joħodna lura fiż-żmien.

Spazjalment Massa jqiegħed l-azzjoni prinċipali tar-rumanz fir-raħal: hemm il-knisja, is-suq, il-pjazza, iċ-ċimiterju tal-lokal, il-ħanut tal-merċa u l-ħanut tax-xorb. Aktar tard jissemmew Tas-Sliema, il-Qawra, u anki l-Ġermanja.

Bħala lingwa Massa jagħżel is-sempliċità, il-kelma li nitħaddtu biha ta' kuljum, flimkien mal-użu ta' idjomi u qwiel Maltin u anki Ingliżi varji. Bħal kif jagħmel f'rumanzi oħrajn spiss Massa jintroduċi l-kumment personali tiegħu permezz tal-leħen narranti dwar kwistjonijiet differenti bħal-libertà u l-libertinaġġ, l-infatwazzjoni u l-imħabba vera. Anki f'dan ir-rumanz, bħal f'rumanzi oħrajn ta' Massa, spiss tissemma l-kelma "destin", jew simili: "Imma dak li jkun miktub ma jħassru ħadd." (p. 36) Karatteristika oħra preżenti hawn, bħalma kienet preżenti f'rumanzi oħrajn ta' Massa, hija dik li l-awtur jagħti tagħrif dwar tradizzjonijiet u aspetti oħrajn li jintrabtu mal-imgħoddi bħall-Istrina, il-Qarinża (jiġu inklużi anki xi versi li kienu jitkantaw f'rabta magħha) u l-Imlejka. Permezz tal-leħen narranti Massa jirrifletti dwar modi ġodda fost ġenerazzjonijiet żgħażagħ bħat-tatwaġġi, u jsemmi inizjattivi soċjali apposta għall-anżjani bħas-servizzi tal-*Helper*, tat-*Telecare*, tal-*handyman*, u l-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek. Aktar tard jissemmew il-problemi tas-serq, tad-droga u l-vulberabbiltà tax-xjuħ.

Hemm drabi meta l-awtur jagħmel referenzi intertestwali, bħal meta f'kapitlu 4 jirreferi għall-versi eleġijaċi ta' Anton Buttigieg. Dan jagħmlu biex ifisser x'ħass Salv meta tilef l-ewwel mara tiegħu flimkien mat-tarbija li kienet qed iġġorr. Aktar 'il quddiem Massa jsemmi kittieba Maltin ewlenin bħal Mikiel Anton Vassalli, il-Kanonku Agius De Soldanis, patri Manwel Magri u Annibale Preca.

Tematikament *Weraq tal-Ħarifa* jqiegħed lill-familja u lill-imħabba (li tista' tolqot lill-bniedem ta' kull età) fiċ-ċentru. Temi oħrajn huma d-destin, il-maħfra, is-saħħa tal-anzjani (li tibda tmajna) u s-solitudni li spiss iġarrbu. Massa jirnexxilu jidħol fil-*psike* u fil-qalb ta' Salvu anzjan, waħdu d-dar wara

li martu titlaq lejn il-Ġermanja biex tkun qrib oħtha marida. Anki ta’ din l-età jeżistu l-kuntrasti: min hu ġeneruż u ta’ qalb tajba, u min hu egoist u għajjur.

Aktar dwar id-dimensjoni temporali. Fir-rumanz qatt ma jingħad eżattament kemm kellu żmien Salv meta żżewweġ jew kemm kellha snin Salvina meta mietet, u lanqas kemm kellu żmien Salv meta sar armel. Jingħad biss, “illum m’għadnix żagħżugħ.” (p. 74) Nifhmu però li meta Salv jiltaqa’ ma’ Vanda jkun għadda ċertu żmien minn mindu tkun mietet Salvina, ladarba jingħad li la hu u lanqas hi m’għadhom żgħar. (p. 79) Lil ommu Salv jgħidilha, “Ma, biex ngħidlek, Salvina għalkemm għaddew dawn is-snin kollha, donnha għadha tiġri warajja.” Ftit wara jissemma l-Milied. Wieħed jerġa’ jistaqsi kemm ilhom joħorġu flimkien Salv u Vanda. Mill-kliem li jingħad f’paġni 79 u 81 jidher li għadda bosta żmien, mela mistoqsija oħra hija: għaliex Salv jinħasad meta Vanda tgħidlu li ħarġet tqila u għaliex iġib ruħu ta’ żagħżugħ immatur ma’ ommu ftit wara? Dan kollu jista’ jdgħajjef is-saħħa tan-nisġa tar-rakkont. Ma ninsewx li dan kollu jseħħ fil-parenteżi tal-*flashback* li twassalna sakemm Salv jiżżewweġ lit-tieni mara tiegħu, Vanda.

Lura għall-preżent nerġgħu naraw lil Salv u Vanda pensjonanti. Fid-djalogu bejniethom jintmessu ċerti kwistjonijiet soċjali attwali: iż-żwieġ bejn l-istess sessi, it-trobbija tal-ulied minn ġenituri tal-istess sess, u l-qassisin lebsin ta’ pajżana. L-imħabba bejn persuni tal-istess sess hi preżenti fir-rumanz permezz tar-relazzjoni bejn Klara (oħt Vanda) u Antoinette. Anki hawn wieħed jistaqsi kemm għandhom żmien eżattament? F’liema sena qegħdin? Aktar tard, f’kapitlu 16, Massa jagħti spazju lil Klara: naqraw li dik tagħha kienet minn dejjem ġibda lejn in-nisa.

Żvilupp ieħor fir-rakkont hu l-introduzzjoni tas-suspett – li iktar tard isir realtà – f’Salvu li martu Vanda bdiet tbati bid-dimensja. Dan inissel iktar uġigħ u inkwiet f’Salvu. Traċċa narrattiva oħra li tgħin biex ir-rakkont jitwessa’ hija l-istorja ta’ Sandra, oħt il-kbira ta’ Klara u Vanda. Għaliex tinsab waħedha f’San Vinċenz? U għaliex Klara ma kinitx taf b’dan mingħand Vanda? Wara dan kollu hemm storja ta’ mħabba, tradiment, firda, uġigħ u solitudni. Hawn Massa jurina li anki l-anzjani jibku daqs li kieku kienu tfal. L-uġigħ jerġa’ meta Salvu jkollu jaqfel lil martu Vanda fi sptar minħabba d-dimensja.

Kif rajna, Alfred Massa f’*Weraq tal-Ħarifa* jiddeskrivi anki l-iċken ħwejjeġ fil-ħajja ta’ Salvu u Vanda anzjani. Huma aspetti li jidhru tentufijiet imma kollha f’daqqa jgħinu biex l-awtur iwassal stampa ċara tal-ħajja tal-anzjani bl-inżul u t-tlajja’ tagħha. Għalhekk *Weraq tal-Ħarifa* huwa rumanz dwar l-anzjanità. Dan mhux rumanz li jnissel tbissima, imma wieħed marbut qatigħ mar-realtà li tweġġa’ għax jikkonċentra fuq it-tbatijiet tal-bniedem anki meta jilħaq it-terza età. Ir-ritmu hu wieħed kajman u dan b’xi mod jirrifletti l-ħajja tal-anzjan li timxi bil-mod. Anki fl-aħħar linji tar-rumanz tispikka l-ixbieha tal-ħarifa. Kontra dan kollu hemm it-twemmin li jinftiehem bħala l-unika forza li jifdallu l-bniedem waħdu u anzjan.

**PATRICK SAMMUT**

**LIL MADRE TEREŻA FID-DATA TAT-TWELID TAGĦHA**

Għajnejk miksura minn wiċċ għajjien
b'idejk imkemmxa bix-xogħol u ż-żmien
qatt ma tajt kas qalbek x'tixtieq
iżd' għal oħrajn sebbaħt it-triq.
B'dik it-tbissima f'kull ġest ħanin,
qatt ma tnikkirt jew tlift il-ħin
id-dinja kollha għarfet il-ġmiel
bla daqq ta’ trombi w mingħajr ftaħir.

**MYRIAMME ELLUL**

**Nota:** Madre Tereża twieldet fis-26 ta’ Awwissu tal-1910 u mietet fil-5 ta’ Settembru tal-1997.

# ir-rakkont (3)

Lina Brockdorff

**IL-LINFA, IL-LANTERNA U L-LAMPIER**

Kienu ħbieb, fuq kollox ġejjin mill-istess familja. Kellhom drawwa li minn żmien għall-ieħor jiltaqgħu biex jiftħu qalbhom ma' xulxin. Nafuha d-dinja, kulħadd bl-inkwiet u l-għawġ tiegħu u m'hemmx isbaħ minn meta ssib ma' min taqsam it-toqol ta' ħajtek. Niftehmu, mhux it-toqol biss kienu jaqsmu, xi kelma ta' sabar jew xi ferħa wkoll li drabi jħabbtu wiċċhom magħhom.

Dan l-aħħar iltaqgħu. Kif soltu jiġri tkun il-Linfa li tibda tpaċpaċ. Din, mid-dehra tissuspetta li ż-żewġ ħbieb tagħha qed tmurilhom il-memorja għax kull darba tiftaħ il-laqgħa bi ftaħir. Kieku, veru li għandha biex titkabbar ftit aktar minn sħabha, imma jkun hemm għalfejn li ddejjaqhom b'salt paroli żejda kull darba? It-tnejn l-oħra għandhom sabar ta' Ġobb biex joqogħdu jisimgħuha. Minfuħa biha nnifisha għax magħmula minn bosta brazzi kollha miksijin kristall mill-aktar fin li minnhom ikanġu eluf ta' lwien mal-iċken żiffa li titħarrek. Barra mill-fatt li hi tinsab imdendla f'waħda mis-swali tal-Palazz ta' Sant'Anton, post li ilha fih minn żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Aktar minn hekk ferħana wkoll bil-fatt li tħabbat wiċċha dejjem ma' ċerta klassi ta' nies: studenti u professuri tal-istorja, turisti, ministri u x'naf jien – il-krema tal-aristokrazija Maltija. Kważi, kważi tista' tqis ruħha bħala nobbli. M'għandhiex minn xiex tilmenta, ix-xorti dejjem titbissmilha.



Imbagħad kompliet il-Lanterna ta' Dellimara. Stqarret mill-ewwel li ma tantx hemm xebh bejnha u bejn il-Linfa barra mill-fatt li t-tnejn jagħtu d-dawl; għax la kienet tħossha nobbli u lanqas ma qatt tħabbat wiċċha mat-tip ta' nies li jżuru lil-Linfa. Iva, hi wkoll tiftakar lill-Gvernatur O'Farrell fost l-antenati tagħha, jiġifieri dak li bnieha f'nofs is-seklu dsatax. Mill-bqija ħlief sajjieda, xi baħħara u rari xi turisti ma tilmaħx għaddejjin fil-qrib. Iħobbuha l-aktar is-sajjieda deħlin 'il ġewwa minn fuq il-baħar, għax tarahom jitbissmu l-aktar meta jilmħuha tul il-lejl. Mill-bqija mhux l-ewwel darba li rat traġedji jiġru fuq dawk l-ibħra ta' madwarha. U wara tisma' l-krib u l-biki ta' qraba li b'qalb maqsuma jmorru jibqgħu jittamaw li jsibu lill-għeżież tagħhom.

Fl-aħħar jitkellem il-Lampier, qatt ma jipprova jiżżattat jew jibda qabilhom, drabi b'nofs ċajta jgħidilhom "Ladies first", u li mhux għax jisfurzawh it-tnejn l-oħra jkun kuntent li joqgħod jisma' u ma jiftaħx fommu. Imma dawk ma jħalluhx bi kwietu qabel ma jgħid xi ħaġa hu wkoll. Rari jitkellem dwar kif, meta kienet lesta t-tieni knisja ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ, fis-seklu sbatax, mgħallem arġentier Grieg dam ifasslu biex lestih minn fidda tant sabieħa. Jinsab kuntent f'dik il-knisja, għalkemm ħlief raħħala ma jarax tul is-sena, imbagħad iżuru l-parroċċa nies oħra fi żmien il-festa. Tista' tgħid li dejjem l-istess uċuħ jara madwaru li ftit li xejn jagħtu kasu. Tifhimha, li fi knisja hu mhux daqshekk importanti. Drabi jara min jitbissem għall-mumenti qosra l-aktar waqt is-sagramenti tal-magħmudija u taż-żwieġ, imma fil-biċċa l-kbira aktar nies imdejqa jilmaħ fil-knisja, biex ma jsemmix l-okkażjonijiet tal-funerali li drabi jaqsmulu qalbu wkoll. Imma xorta jinsab kuntent jaqdi dmiru f'dik il-knisja, l-aktar tul l-iljieli meta jiftakar li hu jkun l-uniku kumpann tad-Dawl kbir li hemm mistur fit-tabernaklu.

**BURY ME DEEP IN MISTRA VALLEY**

*Just let me rest in peace in Mistra valley.*
*Please!*
Hide my body in irrigated fields of fruit;
forget my usual stroll along the narrow path
beneath the clayey ledge
with carob trees and thorny shrubs adorned
Lay me to rest - and then forget me.
And when the ruthless monsters creep
with brutal stealth inside the valley deep
from desecrated *Bajda* ridge
to grind and grate and crush the ground
to slay the silent peasant meek
with puzzled look, forgotten tales,
to kill the narrow path and carob trees...
*Just let me rest in peace in Mistra valley.*
*Please!*
Beneath the tarmac grey and houses new...
deeper, deeper in the humid soil
hide this rotting body deeper, deeper hide,
to hear again the playful swish of canes of yore
smelling still the piercing summer dung
with gurgling, bubbling, jolly streams
that vines and figs and juicy melons fill
as donkeys tread eternal circles in the mill.
*Just let me rest in peace in Mistra valley.*
*Please!*
Let the mule till sunset plough
as *nannu* Pawlu tills the soil
and Sunset sleeps in carob trees
attended by cicadas' shrieks.
Let the shadow of the lively boy
with black curles climb the rugged cliffs
and pregnant valleys lonely roam
in silent awe and hidden peace.
Tell no one I'm buried here
deep down, deep down, deep down
beneath the tarmac grey and houses new
that stink and reek in Mistra valley.
*Just let me rest in peace in Mistra valley.*
*Please!*
Don't be afraid: burn all the memories.
Burn for ever the grapes of yore
bunches dangling in the valley fields
and drying figs on rubble walls.
Burn all the plants, dry all the streams,
burn all the shrubs, cut all the canes
burn all the fears and all the stupid tears
that I have cried in vain!
Then burn my bones, my rotting flesh
but tell no one I'm buried here,
beneath this din so loud
beneath the tarmac grey and houses new
*Just let me rest in peace in Mistra valley.*
*Please!*

***PAUL P. BORG***
**(Dan il-kittieb għadu kemm ħareġ il-ġabra ta' poeżiji *Eternità,* b'viżwal ta' Gabriel Caruana, Horizons 2015)**

**U ISSA META L-GĦARAQ FUQ IL-ĠILDA**

U issa meta l-għaraq fuq il-ġilda
m'għadux itiegħem mielaħ kif kien qabel,
il-ward li qtajt mill-ġnien tat-tamiet tiegħek
imejlu rashom bdew u mhux ifewħu.
Ħassart l-appuntament li kelli miegħek,
għaliex insejt, bil-kliem ħaddieħor żammni,
u għalhekk bi swied il-qalb bid-dmugħ f'għajnejja
nistqarr li dan hu ż-żmien li fih ninfirdu.
Għaliex f'għajnejk m'għadhomx ileqqu l-kwiekeb,
u l-qamar ma jiddix fuq ilma ġieri,
u għada jkun bħal-lum, kif kien il-bieraħ
fl-irdum ta' xatt il-baħar tisma' jingħi
il-gawwi li ma jafx x'irid u jibki.
Ħabbejtek għax kont naf li mintix tiegħi.

**ALFRED GRECH**

**IKKUNDANNAT**

Tħassret il-ħajja tal-bniedem
mixli fil-qorti b'reat
mill-poplu u l-midja
spiċċa kkundannat

Għadu jistenna l-akkużi
jiġu msaħħa bil-fatti
imma qisu diġà ħati,
f'gazzetti, ismu bir-ritratti

Minkejja li għad ma nstabx ħati
ġie mxandar mal-erbat irjieħ dinjija
in-nies emmnet bħal kieku
diġà fuqu nsabet il-ħtija

U ġie lliberat dan ir-raġel
u ħieles ħareġ minn Kordin
biss reġa' sab ruħu f'ħabs ieħor
il-ħabs ta' lsien il-Maltin.

**KEVIN TANTI**

# il-poeżiji

**ID-DON LI TANI ALLA**

M'għandix talent li npitter xbihat sbieħ,
lanqas inpaxxi l-widna b'melodiji.
M'għandix is-setgħa tal-kelma għaslija
jew ta' ħaddieħor inkun lilu l-wens.
Iżda għandi don misluf lili minn Alla
li rrid inkabbru waqt li nibż'għalih
biex inwettqu bl-akbar reqqa u dmir
u ma naħlihx fix-xejn jew fil-frugħat.
Dak li b'kitbieti noħloq il-ġrajjiet;
bil-muża noħroġ l-emozzjonijiet;
b'għanjieti nuri s-sabiħ tal-ħolqien;
il-ġmiel tax-xemx fiż-żerniq u fil-għabex;
id-dawl filgħodu u d-dalma flgħaxija;
l-għajta tal-bhejjem tidwi ġo l-irziezet;
il-fjur li jfewwaħ fis-skiet tal-widien;
it-tpespis ħlejju t'għasfur fis-smewwiet;
jew il-ħut fl-ibħra li jbewsu x-xtajtiet.
Fil-kobor tat-tnissil tal-Homo-Sapiens
kemm bil-ħażin u kemm bil-għerf imżejjen.
U għax jien smajt is-sejħa tad-Divin
dan kollu rrid inwettaq kif mitlub
biex dan id-don jilħaq il-milja tiegħu
u nkun għamilt dak li mogħni ġejt bih.

**SALV SAMMUT**

**LIL MALTA MARIDA**

Qum, Malta, qum minn dina l-apatija
u tħallix il-lifgħa tidħol ġewwa ħobbok.
M'intix tinduna l-ħmieġ dieħel ġmielu
u mhu se jibqa' xejn sabiħ fuq fommok?

M'intix tinduna b'nies li hawn madwarek
li qed jitbiegħdu minn dak li hu sewwa
u kulma jridu jdaħħlu, jidħol f'darek
li lesti jagħmlu dan anki bid-dnewwa?

Hawn min qed jemmen, għaliex hekk jaqblilhom,
li ħadd ma jista' jwaqqaf il-progress
sabiex dawn jagħmlu dak li jiġi f'moħħhom
u flok iġibu l-paċi, jtuk rigress.

Għad jiġi ż-żmien ta' ħmieġ u tant mistħija
li jħammar wiċċek u dan mhux 'il b'għod.
Forsi jien ma nkunx hawn biex nibki miegħek
met'inti tkun qed tmut bil-mod il-mod.

Le, tħalli qatt, Oh Malta, ommi tiegħi,
li tkun mirfusa minn min hu ta' ġewwa.
Int qatt ma bżajt minn ħadd li hu barrani
met'issilitt għal dak li huwa sewwa.

Għad iqumu mill-mewt dawk ta' qabilna
u jaraw f'liema stat hi Malta tagħna.
Għalxejn ix-x'għol li ħadmu bl-għaraq ġbinhom
u tant batew biex int  tista' tistagħna.

Malta, qum u tkomplix fil-ħama tinżel
ta' ħafna tajn moqżież u tal-frugħat.
Ħallik biex tkun bħal bliet ferm akbar minnek.
Dan kollu huwa  bluha ta' bluhat.

**JOSEPH SCIBERRAS**
**(Ħ'Attard)**

**BEJN PALMA U OĦRA**
**(Lill-martri Khaled Assad 82 – Palmyra, Syria)**

Mas-swied is-sħab qatran
raxxet ix-xita ċilesti
toxxilla bl-uġigħ u l-ferħ,
in-niket u l-ewforija
Damasku vistuż,
maħqur, tradut
kollu mistħija...
moħbi taħt palma
Jpinġi 'l wiċċek kiebi
imma radjuż...
ġismek għaxi
imma qieragħ,
jitmattar fuq oqbret il-ġnus.
Filwaqt li Palmyra,
mingħajrek,
intilfet f'oasi ta' ġliewi xxellerati
tixxaħxaħ mal-gladjaturi
fuq mitraħ l-ideoloġiji kkankrati.
B'saqajha miftuħa...
bejn palma u oħra
ċċarċar fuq minsitha,
dmugħ is-seba' verġni, stuprati
u tagħsar biżlitha nkatenati,
issa d-dinja tibkik...
... u tiċċassa.

**JOSEF BORG**

*NEBULA OF THE SOUL*

I am enlightening the hell of daffodils
while disappearing in loss
of the sense...
me.

Fighting for the incarnation
of the soul is
wooing with the nebula

Whether will survive… the soul?

Or disappear among rocks,
cliffs,
of searching.

Aspiring towards the fall.

**SABAHUDIN HADZIALIC**
***Il-Bożnija-Ħerzegovina***

*TENDER STALKS*

Scrolls soul
and a rainbow flirt
Steal small breaths
I escape to the Angels
beauty, mercy
and love
left on earth
outfit imperishable
and tender kiss on her body
clear water source
for dry lips

In the eyes planted
roses
imprisoned for your dream
horizons golden touch
forgetfulness, fear
Irises in transparent love
Hebe
tender stems

**EFTICHIA KAPARDELI**
**Il-Greċja**

**LIFE IS A POMEGRANATE**

Life is a Pomegranate my friend
a joyful world of plenty
full of juicy ruby grains –
if you search for them

When you find them
taste their silky happiness
fully my friend
one by one
long before
they become –
no More.

**ADA AHARONI**
**L-Iżrael**

**ONDE**

Nel respiro onde verdi un'aurora polare
venti astrali non sospingano la falena
oltre il ciglio del vortice primordiale.

Alle diciotto e trenta essenza radiante
galleggia nello spazio vuoto sull'altare
pesante come universo il calice d'ombra.

Pesante come universo il calice d'ombra
galleggia nello spazio vuoto sull'altare
alle diciotto e trenta essenza radiante.

Oltre il ciglio del vortice primordial
venti astrali non sospingano la falena
nel respiro onde rosse un'aurora polare.

**ROBERTO MALINI**
**L-Italja**
**(minn *Il giardino dei poeti quantici,* Lavinia Dickinson Editore, 2014)**

**Nota tal-Editur:** Il-poeżija *Jasenovac* ippubblikata f'IL-PONT ta' Awwissu 2015, paġna 19, hija ta' Paul Polansky u mhux ta' Roberto Malini. L-ewwel nofs tal-ktieb *Il silenzio dei violini* hi miktuba minn Paul Polansjy (bi traduzzjonijiet mill-Ingliż ta' Roberto Malini), filwaqt li t-tieni parti tiġbor fiha poeżiji ta' Roberto Malini. Anki Malini kiteb żewġ poeżiji dwar il-Porrajmos jew il-ġenoċidju tar-Rom min-naħa tal-Ġermanja Nażista fit-Tieni Gwerra Dinjija. Iż-żewġ poeżiji huma *I giorni del Samudaripen* u *Memoria di Traian,* sopravvissuto al Samudaripen.

# minn fuq l-ixkaffa




***IL-KAPPILLAN TA' TOURS*** **ta' Honoré Balzac, maqlub għall-Malti minn Paul Zahra, 2015.**

Dan huwa t-tielet ktieb mill-Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji, imma r-raba' traduzzjoni, li Paul Zahra qed joffri lill-pubbliku f'rabta mad-dinja tat-traduzzjoni u l-letteratura. Huwa rumanz ta' 118 paġna u li għalhekk għandu jinqara bla tbatija. Kif jikteb Paul Zahra fid-Daħla, din in-novella tagħmel parti mit-taqsima ta' *La Comédie humaine/Il-Kummiedja Umana* - li toffri firxa sħiħa tal-ħajja Franċiża fis-snin wara l-waqgħa ta' Napuljun Bonaparti - iddedikata għall-istudju taċ-ċelibat, kemm ċivili kif ukoll ekkleżjastiku. It-tliet personaġġi ewlenin huma Mademoiselle Sophie Gamard, Hyacinthe Troubert u François Birotteau, dawn tal-aħħar żewġ ekkleżjastiċi opposti, wieħed ambizzjuż u makakk u l-ieħor sempliċi u bla ħażen. Jinsabu aspetti karikaturali fit-tiswir ta' dawn it-tliet personaġġi minkejja li Balzac hu meqjus bħala l-awtur li miegħu beda r-realiżmu letterarju Franċiż. Paul Zahra qaleb mill-Franċiż għall-Malti anki xogħlijiet letterarji ta' Alain-Fournier u Gustave Flaubert.




***IL-MALTI - RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI, ĦARĠA LXXXVIII 2015*****, Akkademja tal-Malti, KKM 2015.**

Din hija ħarġa akkademika oħra li l-Akkademja tal-Malti qed toħroġ regolarment. Din id-darba nsibu sitt kontribuzzjonijiet varji u interessanti ferm. Olivia Borg tikteb dwar "Ġużè Ellul Mercer: vuċi u spalla għar-ruħ fi kriżi"; George Farrugia jikteb dwar "Il-ġens grammatikali fil-Malti f'kuntest tipoloġiku u psikolingwistiku"; Reno Fenech hu l-awtur tal-istudju "Il-vokali 'i' fil-bidu ta' kliem Rumanz: etimoloġika jew tal-leħen?"; Christina Sammut tikteb dwar "Il-pronunzja tas-suffiss pronominali: studju soċjolingwistiku tal-varjanti [ɐː] ~ [ʻħːɐ]; [ɔːm] ~ [ʻɐħːɔm]; [ɐʼʊlʊ] ~ [ɐʼħːʊlʊ]"; Bernard Micallef jittratta "L-arti satirika fin-novelli ta' Juan Mamo: minn realtà storika sa frattarija ta' perspettivi"; u Joseph P. Borg jikteb dwar "L-Akkademja tal-Malti matul is-snin... (2009-2013)". Kif wieħed jara nsibu taħlita ta' studji ta' natura lingwistika u letterarja, għodda utli għal min għandu għall-qalbu l-ilsien u l-letteratura Maltija. L-editorjal hu miktub minn Olvin Vella.




***ARTISTI MILL-QRIB - ĠABRA TA' INTERVISTI MA' ARTISTI MALTIN*** **ta' Laurence Mizzi, Horizons 2015.**

Din hija ġabra ta' intervisti li l-awtur kien għamel ma' għadd ta' skulturi, pitturi u ċeramisti, fil-biċċa l-kbira tagħhom stabbiliti u magħrufa, uħud minnhom anki barra minn Malta. Dawn l-intervisti kienu dehru f'*Il-Ġens* bejn l-1988 u l-1997. Minnhom joħroġ tagħrif mhux biss dwar il-ħajja tal-artisti iżda wkoll dwar xogħlijiethom u għalhekk huma ta' interess kemm mil-lat bijografiku kif ukoll minn dak artistiku u kulturali. Il-personaġġi li Laurence Mizzi jintervista f'dan il-ktieb huma Josef Kalleya, Vincent Apap, Esprit Barthet, Ġanni Pace, Carmenu Mangion, Gabriel Caruana, Alfred Camilleri Cauchi, Frank Portelli, Sina Farrugia, Harry Alden, Antoine Camilleri, Savio Deguara, Vincent Apap dwar Willie Apap u Mary Inglott dwar Anton Inglott. Dan il-ktieb ta' 138 paġna huwa wkoll imżejjen b'għadd ta' ritratti tal-artisti intervistati u anki ta' xi xogħlijiet minn tagħhom. Kif jikteb l-awtur fid-Daħla bosta minn dawn l-artisti llum m'għadhomx magħna, iżda "il-preżenza tagħhom fostna, bħal ta' dawk li għadhom ħajjin, għadha u tibqa' tinħass bix-xogħlijiet li ħadmu u li jinsabu f'mużewijiet, knejjes, postijiet pubbliċi u kollezzjonijiet privati."